MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 264/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**CHRISTOPHER LEE GATT**

**Illum 25 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Lee Gatt 20 sena bin John Paul u Carmen Mary nee` Armeni mwieled fl-Australia fl-14 ta' Gunju, 1983 u li joqghod 49 'Ambassador' Triq Nuzzo Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 178788(m) gie akkuzat talli:

Fis-5 ta' Jannar, 2004 ghall-habta tat-8.00 ta' bil-lejl ikkommetta serq ta' parr pjanci minn fuq vettura tal-ghamla 'Bedford' bin-numru tar-registrazzjoni EAI016 ghad-dannu ta' Carmelo Bonnett minn B'Bugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara din id-data, ghamel uzu minn vettura ta' l-ghamla Ford Transit bil-pjanci foloz u cioe` bin-numru tar-registrazzjoni EAI016 li m'humiex registrati fuq l-istess vettura.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmi Ford Transit minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jintuza fit-triq bi ksur tal-artikolu 15(1)(a), (2) tal-Kap. 65 tal-ligijiet ta' Malta.

B'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` jew garanzija ta' terzi persuni bi ksur tal-artiklu 3(1) tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta' Malta.

U finalment talli fis-6 ta' Jannar, 2004 ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija f'dawn il-Gzejjer saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza, negligenti u b'sewqan aktar milli jmissu.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 65, u li tiskwalifika lil Christopher Lee Gatt mill-licenzi kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xaghar.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CM2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha hlief it-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghalhekk jitlob li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261 (b), (f) u (g), 263, 264, 270, 271 (g), 278 (3) u 281 (b) tal-Kap. 9, l-art. 15 (1) (a) u (b) u 15 (2) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christopher Lee Gatt, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-eta` tenera tal-imputat, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Christopher Lee Gatt ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Christopher Lee Gatt jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, peress illi din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Inoltre l-Qorti tiskwalifika lill-imputat Christopher Lee Gatt milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Lee Gatt l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------